**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Kawża numru 42/2023 SG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard-Charles Spiteri)**

**–vs–**

**Steven Zahra**

**Illum, 29 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti;**

**Rat** l-imputazzjonijiet imressqa kontra Steven Zahra ta' 55 sena, iben Joseph u Mary Ann nee' Azzopardi, imwieled Ontario Kanada, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 512786M li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

**«**talli nhar il-1 ta' Novembru 2023, fi hin bejn 10.40p.m. u 10.50p.m. waqt li kont qieghed fi triq is-Salini, Zebbug Ghawdex u/jew fi dawn il-Gzejjer;

1. Volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' vettura tal-ghamla Mitsubishu ASX bil-pjanca tar-registrazzjoni MIG501, ghad-dannu ta' Noel Mercieca u/jew il-familja

tieghu, liema hsara hija izjed minn elfejn u hames mitt euro (€2,500), u dan bi ksur tal-art. 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minn gewwa l-vettura tal-ghamla Mitsubishu ASX bil-pjanca tar-registrazzjoni MIG501, ikkometejt serq ta' handbag u/jew oggetti ohra li l-valur taghhom ma' jaqbizx aktar minn mitejn u tnejn u tlettin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), liema serq hu kwalifikat bil-lejl u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta' Noel Mercieca u/jew il-familja tieghu bi ksur tal-artikoli **261, 270 u 271** tal-Kap. 9

Il-Qorti hija ġentilment mitluba biex f'każ ta' ħtija tqis lil Steven Zahra bħala reċidiv, u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Noel Mercieca u/jew il-familja tieghu u dan ai termini tal-Art. 382A u 383 et seq. tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-qorti hi gentilment mitluba illi minn issa tipprovdi ghal garanzija ta' Noel Mercieca, u/jew il-familja tieghu skond artikolu 412 (C) tal-Kap. 9 tal-Kodici Kriminali.**»**

**Rat** id-dokumenti esibiti;

**Semgħet** ix-xhieda prodotta;

**Rat** l-artikoli indikati mill-Avukat Ġenerali u ċjoè l-Artikoli 325(1)(a), 261(f) u (g), 270, 271(g), 281(b), 49, 50, 289, 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 412C, 412D, u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

**Rat** li l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

**Semgħet** l-ammissjoni ċara u inekwivoka tal-imputat għall-imputazzjonijiet kif dedotti kontrih;

**Il-Qorti wissiet** lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba tiegħu u tagħtu żmien xieraq biex jekk irid, jista' jerġa' lura minnha u fil-fatt huwa reġa' tenna l-istess ammissjoni tiegħu.

**Semgħet** it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

In vista tal-ammissjoni tal-imputat, li ġiet ikkonfermata, anke wara li l-imputat ingħata żmien raġonevoli biex jirrikonsidra u wara li ġie spjegat il-konsegwenzi li ġġib magħha tali ammissjoni, din il-Qorti ma għandhiex triq oħra għajr li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha mressqa fil-konfront tiegħu.

In kwantu għall-piena, din il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, in-natura serja tal-imputazzjonijiet, kif ukoll il-fatt li l-ammissjoni ngħatat fi stadju tant tardiv f'din il-kawża.

Il-Qorti tqis li piena karċerarja hi dik idonea tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif ukoll għandu jinħareġ ordni ta' trattament biex l-imputat jigi megħjun jegħleb il-problemi li jista' għaddej minnhom.

## DECIDE

Għal dawn ir-raġunijiet, wara li l-Qorti rat l-Artikoli 325(1)(a), 261(f) u (g), 270, 271(g), 281(b), 49, 50, 289, 15A, 17(b), 31(b), 382A, 383, 384, 385, 412C, 412D, u 533 tal-Kodiċi Kriminali u in vista tal-ammissjoni tal-imputat, qed issib lill-istess Steven Zahra ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u qiegħda tikkundannah għal sitta u tletin (36) xahar priġunerija effettiva li minnhom irid jitnaqqas kull żmien li jirriżulta li għamlet taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qed tordna lill-ħati sabiex jħallas is-somma ta' €9,434.37ċ lil Noel Mercieca, liema somma tirrappreżenta l-ħsarat li sofra l-istess Mercieca fuq il-vettura tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni MIG501.

Fid-dawl tal-fatt li l-ħati rriżulta li għandu problemi li tajjeb jiġi megħjun jegħlibhom, il-Qorti qiegħda tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is-sentenza, liema ordni qiegħed isir għal perjodu ta' sitta u tletin (36) xahar u tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi dik l-assistenza kollha meħtieġa lill-ħati sabiex din l-ordni ta' trattament tkun tista' tiġi segwita u mwettqa mill-istess ħati b'suċċess. Għal kull buon fini l-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li huwa jkollu jaffaċċja fil-każ li huwa ma jottemperax ruħu mal-kundizzjonijiet imposti fuqu bl-ordnijiet hawn fuq imsemmija.

Ai termini tal-Artikolu 412C u l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed torbot lill-ħati b'Ordni ta' Trażżin għal żmien tliet (3) snin mil-lum għall-protezzjoni ta' Noel Mercieca u l-familja tiegħu, liema terminu għandu jibda jiddekorri wara li l-imputat ikun skonta s-sentenza tiegħu ta' priġunerija effettiva. Il-Qorti fissret lil Steven Zahra bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Trażżin u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tal-Uffiċċju tal-Probation u Parole.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**